

SAVIOUR BALZAN

# IL-MUNZELLI TAR-RAMEL

*minn Saviour Balzan*

'L hinn mill kull bajja wieħed soltu jsib gzuz ta' ramel li jduru mad-dawra tal-bajja —munzelli tar-ramel li bl-Ingliż ngħidulhom **sand dunes**. Dawn jiffurmaw permezz tar-riħ li jiġbor ir-ramel ġo gzuz. La darba jinġabar, ċerti pjanti li jkunu kapaċi jikbru f'kundizzjonijiet diffiċli, jibdew jidhru fuq dawn il-munzelli tar-ramel.

*Ammophila arenaria*



RALPH CAMILLERI

L-ewwel pjanti li jikbru huma dawk l-iktar addattati għan-nuqqas ta' ilma u għar ramel jitharrek li jkunu hemm fuq dawn il-munzelli. Fost dawn il-pjanti nsibu l-KROMB IL-BAĦAR *Cakile maritima* u x-XEWK IR-RAMEL *Eryngium maritimum*. Iżda dawn il-pjanti jinqerdu faċilment minħabba il-maltemp li jkaxkar ir-ramel, kif ukoll isoffru minħabba t-tgħaffiġ tal-bniedem. Wara li l-pjanti pijunieri jaqbdu sewwa jibdew jidhru l-ħxejjex magħrufin bħala **grasses**. Dawn permezz tal-għeruq li jkollhom jkunu kapaċi jorbtu r-ramel flimkien. Waħda minn dawn il-pjanti hija *Ammophilia arenaria* li permezz ta' l-għeruq twal tagħha, ir-ramel jintrabat u jingħaqad ġo gzuz. Permezz ta' dawn il-pjanti r-ramel jista' jogħla sa' ħames metri. Dawn il-pjanti m'għandhomx bżonn ħafna ilma imma ma tantx jirnexxu fir-ramel li jtir mar-riħ. Meta dawn il-pjanti jmutu, jergħu jinbtu pjanti oħra, u biż-żmien materjal mill-pjanti mejtin jinġabar u jiksi il-wiċċ tar-ramel, u mar-ramel jitħallat il-fdal ta' pjanti mejta. Iktar ma' jgħaddi żmien aktar ma naraw bidla fir-ramel u fl-aħħar niltaqgħu ma' l-aħħar tip ta' pjanti li jgħixu f'dawn il

il-munzelli tar-ramel. Dawn huma is-siġar tal-BRUK *Tamarix africana* li jirappreżentaw il-quċċata tal-komunita' botanika fis-**sand dunes**. Għalhekk naraw li dawn il il-pjanti għandhom tliett affarijiet li jaqblu ma xulxin: l-ewwel li jittolleraw il-melħ; it-tieni li kapaċi jikbru f'nixfa esaġerata u fl-aħħarnett, li jikbru f'postijiet fejn ir-ramel jbiddel postu sikwiet permezz tar-riħ



ALFRED E. BALDACCHINO

***Il-munzelli tar-ramel fil-bajja ta' Santa Marija, Kemmuna, bis-siġar tal-Bruk li jippreżentaw il-quċċata tal-komunita botanika.***

Fi Gżiritna l-ikbar bajja hi r-Ramla ta' Għawdex u hawn naraw il-bidla minn sempliċiment ramel għal munzelli tar-ramel bi pjanti u anki msaġar żgħar tal-Bruk. Iżda l-aħjar **sand dunes** jinstabu l-Għadira, il-Ġnejna, Għajn Tuffieħa u r-Ramla tat-Torri. Insibu ukoll postijiet fejn hemm msaġar żgħar tal-Bruk ħdejn il-baħar fosthom il-bajja ta' Santa Marija, Kemmuna.

Dawn il-munzelli tar-ramel joffru ħajja oħra interessanti u wieħed jistagħġeb bil-varjeta' ta' speċi li jgħixu fir-ramel. F'toqob zgħar fir-ramel jgħix speċi ta' werżieq (Orthoptera) li jidher biss wara l-għabex. Hemm ukoll il-bebbux żgħir *Cochicella conoidea* li meta jmut iħalli l-qoxra tiegħu li tiksi l-wiċċ tar-ramel. Hemm ukoll pjanti bħal



*Cochicella conoidea li tinstab fuq il-munzelli tar-ramel fl-Ghadira.*



RALPH CAMILLERI

*Xewk ir-Ramel*

PANKRAZJU *Pancratium maritimum* li kapaċi jagħmlu fjuri kbar bojod li għalkemm isebbħu dawn il-munzelli tar-ramel ħafna drabi jispiċċaw maqtugħin minn nisa u tfal. Il-passi tas-saqajn tal-qanfud, il-fenek u l-ġurdien huma sinjali oħra li dawn l-annimali jgħixu ukoll hawnhekk.

Dawn il-munzelli ta' ramel huma fil-periklu li jispiċċaw minn gżiritna minħabba il-bniedem stess. Vandaliżmu ta' familji, muturi u karozzi u anki xi drabi it-tneħħija tar-ramel stess minn bulldozers, kollha jgħinu biex din in-niċċa żgħira fl-ambjent naturali Malti tispiċċa darba għal dejjem. F'dawn il-munzelli tar-ramel jinsabu varjeta' ta' annimali u pjanti li mhux biss huma interessanti imma whud minnhom jinstabu f'pajjiżna biss u imkien aktar. Hemm bżonn għalhekk li dawn il-postijiet mhux biss jiġu mħarsa mil-liġi imma mħarsa ukoll mill-vandaliżmu tal-poplu billi ngħinnuh japprezza u jħares dawn il-munzelli tar-ramel bħala parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna.



*Passi ta' Fenek*



*Passi ta' Fenek jaqbeż*



*Passi ta' Ġurdien ta' Geddumu (Shrew)*



*Passi ta' Ġurdien u/jew ta' Farr*